C/2025/6758

19.12.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Diċembru 2025

li tissostitwixxi membru tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema għall-Awstrija

(C/2025/6758)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fl-Unjoni [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 23 u 24 tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2024 [2], il-Kunsill ħatar membri u membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema għall-perjodu mill-25 ta' Settembru 2024 sal-24 ta' Settembru 2026.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Johannes PEYRL, sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tat-trade unions.

(3) L-Awstrija nnominat kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sa Nicole PINTER hija maħtura membru tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema minflok is-Sur Johannes PEYRL għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-24 ta' Settembru 2026.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

J. JENSEN

[1] ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema (ĠU C, C/2024/5865, 27.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5865/oj.